MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tal-14 ta' Ottubru, 2015**

Rikors Maħluf Numru: 859/15LM

**Customs & Freight Agency Limited (C17475)**

**vs**

**Mediterranean Samac Co. Ltd. (C 44907)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-14 ta' Settembru, 2015 minn **Custom & Freight Agency Limited (C17475)** (minn issa 'il quddiem "is-soċjetà rikorrenti") ikkonfermat bil-ġurament ta' Kevin Attard (K.I. 188869M), fejn ippremettiet u għamlet is-segwenti talbiet:

*1. Illi s-soċjeta rikorrenti irrendiet servizz lis-soċjetà intimata għall-valur ta' erbgħin elf disgħa mija tmienja u disgħin euro u ħamsin ċenteżmu (€40,998.50) u dana skont ma jirriżulta mill-invoice annessa bħala Dok MS1);*

*2. Illi sar pagament akkont lis-soċjetà rikorrenti u l-bilanċ ta' erbgħa u għoxrin elf tlett mija erbgħa u sebgħin euro u għaxar ċenteżmi (€24,374.10), għadu dovut lis-soċjeta rikorrenti;*

*3. Illi għalkemm debitament interpellata biex tħallas, is-soċjetà intimata baqgħet inadempjenti u għalhekk qed issir din il-kawża;*

*4. Illi s-soċjetà intimata m'għandiex eċċezzjonijiet x'tagħti għat-talbiet tar-rikorrenti;*

*5. Illi d-dikjarant Kevin Attard jaf personalment bil-fatti kif esposti;*

*Għaldaqstant l-attriċi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja u mogħtija kull dikjarazzjoni u provvediment opportuni:*

1. *Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ tal-provi ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kap 12;*

2. *Tiddeċiedi u tiddikjara li l-ammont ta' €24,374.10 huwa dovut lis-soċjetà esponenti;*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata (recte) li tħallas is-somma ta' €24,374.10 lis-soċjetà rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 25 ta' Awwissu 2015 kontra s-soċjetà intimata, minn issa nġunta in subizzjoni u bl-imgħaxijiet mid-data mifthema tal-pagament sad-data tal-pagament effettiv skond l-Art. 26Ċ tal-Kap 13.*

Eżaminat l-atti tal-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2015 fejn għad li s-soċjetà intimata **Mediterranean Samac Co. Ltd. (C44907)** ġiet debitament notifikata, ma deher ħadd biex jirrappreżentaha f'dawn il-proċeduri.

Tqis li għall-finijiet tal-Artikolu 170 tal-Kap. 12 is-soċjetà intimata baqgħet kontumaċi u għalhekk din il-Qorti għandha tgħaddi biex minnufih tiddeċiedi l-kawża.

Semgħet ix-xhieda ta' Kevin Attard li kkonferma bil-ġurament li għadu dovut il-bilanċ ta' erbgħa u għoxrin elf tlett mija u erbgħa u sebgħin euro u għaxar ċenteżmi (€24,374.10) lis-soċjetà rikorrenti mis-soċjetà intimata.

Tqis għalhekk li fil-kontumaċja tas-soċjetà intimata u mill-provi prodotti mis-soċjetà rikorrenti, jirriżulta li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma mistħoqqa.

**Decide**

**Il-Qorti għalhekk taqta' u tiddeċiedi billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2) **Tilqa' t-tieni talba tas-soċjetà rikorrenti u tiddikjara illi s-soċjetà intimata Mediterranean Samac Co. Ltd. (C44907) hija debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf tlett mija u erbgħa u sebgħin euro u għaxar ċenteżmi (€24,374.10);**

3) **Tikkundanna lis-soċjetà intimata Mediterranean Samac Co. Ltd. (C44907) tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf tlett mija u erbgħa u sebgħin euro u għaxar ċenteżmi (€24,374.10);**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet mid-data mifthema tal-pagament sad-data tal-pagament effettiv skont l-Art. 26Ċ tal-Kap 13 kontra s-soċjetà intimata Mediterranean Samac Co. Ltd. (C44907).**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------